# FARAĠ U HENA

**Ta' Pawlu Aquilina**

Kmieni.
Meta f'għajnejja
Kienet titbissem tat-tfulija l-hena,
U bħal ħuttafa mtajjar
Kont niġri sa ma nħoss in-nifs jonqosni
Ħiereġ maqtugħ minn qalbi,
Bil-ħerqa kont infittex
Il-beraħ tal-egħlieqi,
Id-dell ħanin tas-siġar,
Il-ħemda ta' ġol-wied u seħer l-għolja:
Biex niftaħ qalbi magħhom!
Kont infittixhom bħal ma ċ-ċerv l-għadira
Jinfileġ taħt ix-xemx ta' Lulju jfittex
Sa ma moħbija jsibha
U jogħxa jixrob minnha
Il-ħajja bnina tiegħu;
Jixrob id-demm li jfawwar aħmar f'qalbu
U jerġa' s-saħħa jħossha tiġri miegħu.
Hekk, hekk, kont infittixhom
L-egħlieqi, il-ġonna, il-widien u l-għolja,
U kont ngħannaqhom bejn dirgħajja u miegħi
Tarja, meta bil-ħdura
Jimla ħaddejhom Marzu;

Niexfa meta qasbija
Jaħsad iż-żara' Ġunju
Bil-minġel bieżel tiegħu. . !
Kellha fuq qalbi seħer
Dik it-tbissima hienja, safja tagħhom,
Fis-skiet, fil-ħemda,
Fix-xita tfaqqa' jew fix-xemx qawwija!

Fi tlugħ ix-xemx, f'inżulha,
Jew meta l-bidwi jdur u jdawwar miegħu
Il-bhejjem fuq il-qiegħa,
Kemm kont inħossha teħla qalbi magħhom
U jfawwar l-għana bħal ma tfur nixxija . . .
U taħt sema sewdieni
Bi sħab fuq sħab ilebbet,
Inħossni kont bħal żiemel mimli qawwa,
Mingħajr ilġim, bir-riedni mqaċċta jtiru
Fuq dahru donnu blata,
Għaddej imħarrab, jogħla,
B'rasu merfugħa 'l fuq u b'denb jittajjar,
Jaqta' l-irjieħ qawwija,
Jifred ix-xita tfaqqa'
Fuq ġismu sħiħ u ħieles minn kull jasar —
U jibqa' jiġri u jilheġ . . . .
Jilheġ u jirbaħ triqtu . . . .
Jew għajjien mejjet jaqa' ġismu mħeddel
Sa ma jinħataf mid-dirgħajn felħana
Tar-rwiefen mingħajr qalb, u b'sabta magħhom
Jitkaxkar f'qiegħ il-ħondoq u jitfarrak
Qalb blat u xewk — imgħargħar
F'demmu bla ħajja . . . !

Hekk kont fil-ħemda noħlom
f'dirgħajn il-wied u l-għolja
Jew qalb il-ward u ż-żahar
Tal-ġonna tal-larinġ . . . .
U l-ħolma ta' tfuliti
Qiegħda tintiseġ ma' kull nifs ta' ħajti
U ssir kuljum il-JIEN li darba ħlomtha . . . . !